# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 4999/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jomar Bonnici**

Illum 27 ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jomar Bonnici**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0284297(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-17 ta' Novembru 2023 għal ħabta ta' 07:00hrs, ġewwa Ħal Għaxaq:

1. ikkaċċja jew ittanta jikkaċċja jew jieħu jew ittanta li jieħu għasafar mingħajr liċenzja valida għal dak il-għan maħruġa mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) u t-tielet proviso ta' Regolament 27(3) tal-Leġislazzjoni

Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta u bi ksur ta' Regolament 10(2) ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu għasafar li huma protetti taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża xi tip ta' metodu projbit bl-istess liġi permezz ta' xbieki, inklużi dawk magħrufa bħala ranja, xbieki tal-arja u kull tip ta' xibka wieqfa u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula, sentenza datata 02 ta' Ġunju 2023 mogħtija mill-Maġistrat Dr. E. Rizzo, LL.D..

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu applikabbli taħt Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(e), 10(2), 12(1) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet

kollha dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) li setgħet titħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin Euro (€150). Il-Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* u skwalifikat lill-imputat milli jikseb liċenzja jew permess rilevanti taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta għal għomru.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' April 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u kkundannatu għal multa ta' ħamest elef Ewro u skwalifika ta' liċenzja jew permess rilevanti taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 għal għomru, u konsegwentement* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħhom u b'hekk* ***TILLIBERAH*** *minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; sussidjarjament u f'każ illi din il-Qorti jidhrilha li għandha ssib ħtija,* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-6 ta' Mejju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Marzu 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw insib illegali b'dana illi l-dakinhar tas-17 ta' Novembru 2023 għal ħabta ta' 7.20am il-Pulizija rċeviet rapport li Ħal Għaxaq kien hemm każ ta' insib illegali bl-użu ta' xibka tat-tip renja. Meta l-Pulizija marru fuq il-

post huma sabu lill-appellant li kien qiegħed taħt xibka tat-tip renja. Jingħad li l-appellant kellu s-senter f'idu u li meta rahom huwa qabad l-imgħażqa u beda jagħżaq. Minn naħa tiegħu l-appellant jgħid li l-għalqa mhux tiegħu u li kien hemmhekk biex jaħdimha. Huwa jgħid li ma kienx jaf bix-xbieki u li dawn ma kienux tiegħu kif ukoll ma kienux tiegħu l-imlievez li nstabu fuq il-post.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa ntitolat hekk: *"Evalwazzjoni u apprezzament żbaljat tal-provi kif ukoll limitazzjonijiet serji fl-investigazzjoni."* Dan l-aggravju huwa maqsum fis-segwenti:

- Prinċipji ġenerali;
- Verżjonijiet differenti;
- Il-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni;
- Il-Prosekuzzjoni ma ġabitx l-aqwa prova.

Prinċipji ġenerali:
Illi l-appellant jibda billi jindika numru ta' prinċipji ġenerali li jsawwru d-dritt kriminali.

Verżjonijiet differenti:
Illi l-appellant jgħaddi sabiex jindika verżjonijiet differenti fix-xiehda mogħtija mill-Pulizija li marru fuq il-post. Jispjega li hemm diskrepanza bejn il-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni minħabba li skont hu kien hemm nuqqasijiet fl-investigazzjoni. Huwa jirreferi għax-xiehda mogħtija minn PC 349 Daniel Caruana fejn dan qal li hu (l-appellant) kien bis-senter maġenb ix-xibka ħdejh u meta ra l-Pulizija beda jagħżaq. Jirreferi għall-verżjoni mogħtija minn PC 872 Jean-Claude Farrugia fejn dan jgħid li meta waslu, hu (l-appellant) kien bis-senter f'idu u

jgħid li beda jagħżaq wara li kellmuh. Jispjega li l-kunflitt fil-verżjonijiet juri nuqqas ta' kredibilita'. L-appellant isemmi x-xiehda mogħtija minnu u ta' kif huwa baqa' konsistenti fil-verżjoni tiegħu fejn jgħid li l-għalqa u l-għasafar ma kienux tiegħu. Isemmi li huwa qal li ma kienx ra r-renja għax ma kienx vera li huwa kien mar-renja u li kien tal-anqas disa' (9) metri l-bogħod u li kien hemm is-siġar li kienu qed jgħattu r-renja.

<u>Il-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni</u>:
Illi l-appellant jirrileva li l-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni ma huwiex ippruvat u li jikkunfliġġi mal-provi prodotti. Jirreferi għax-xiehda ta' Alice Tribe fejn hija tgħid li ma rat lil ħadd fuq il-post meta ħadet il-*video* tar-renja. Isemmi li hija tispjega li kien aktar tard li rat il-Pulizija meta marru fuq il-post. Jgħid li hija tispjega li minħabba li hija ċemplet fis-7.23am ma setax ikun li l-Pulizija waslu fuq il-post fis-7.00am hekk kif indikat fiċ-ċitazzjoni. Ikompli billi jindika li fl-affidavits tagħhom il-Pulizija ma ndikawx xi ħin partikolari meta huma marru fuq il-post iżda jispeċifikaw li marru wara r-rapport ta' Alice Tribe. L-appellant jirreferi għal Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li l-Prosekuzzjoni kellha kull opportunita' titlob korrezzjoni fl-imputazzjonijiet iżda dan ma sar fl-ebda ħin.

<u>Il-Prosekuzzjoni ma ġabitx l-aqwa prova</u>:
Illi l-appellant jargumenta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aqwa prova. Jgħid li kien hemm limitazzjonijiet fl-investigazzjoni għad-detriment tad-difiża. Jilmenta li l-Ewwel Qorti għażlet li toqgħod fuq il-verżjonijiet mogħtija mill-Pulizija minkejja li naqsu milli jwettqu l-investigazzjoni meħtieġa. Jgħid li kien jinkombi fuq il-Pulizija li jwettqu l-investigazzjoni neċessarja speċjalment tenut kont tal-fatt li huwa nfurmahom li l-għalqa ma kinitx tiegħu u li ma kienx jaf bir-renja. L-appellant jirreferi għal dak li qal PC 349 Daniel Caruana meta kkonferma li ma għamilx investigazzjoni ulterjuri sabiex jara minn seta' kellu aċċess għal għalqa għax skont l-istess PC 349 Caruana dan ma kienx jagħmel differenza għalih. L-istess ġie kkonfermat minn PC 872 Jean Claude Farrugia. Jispjega li minħabba li l-investigazzjoni ma

saritx kif suppost, il-livell ta' prova rikjesta fil-kamp kriminali ma ntlaħqitx.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Illi dwar dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant jgħid li l-linja temporali ndikata miċ-ċitazzjoni mhijiex riflessa fil-provi, din il-Qorti tinnota li fiċ-ċitazzjoni hemm imniżżel is-segwenti:

> "talli nhar is-17 ta' Novembru, 2023, <u>għal ħabta ta' 07:00hrs</u>, ġewwa Ħal Għaxaq...." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tifhem li l-kontroversja hija limitata għal ħin indikat fiċ-ċitazzjoni ossija s-7.00am. F'dan ir-rigward ikun opportun li ssir riferenza għax-xiehda mogħtija minn Alice Tribe (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn hija tgħid li lemħet ix-xbieki fis-7.15am. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ġie akkużat li f'dan il-ħin huwa kien diġa' qiegħed jonsob. Huwa irrelevanti l-ħin li fih instab mill-Pulizija u dana peress li x-xbieki in kwistjoni jaħdmu b'mod li darba li jkunu installati l-għasafar jistgħu jinqabdu fihom mingħajr bżonn tal-intervent uman sabiex jaqleb ix-xbieki. Għalhekk din il-Qorti tqis li ġialadarba ix-xbieki kienu diġa' ntlemħu nstallati fis-7.15am, allura l-insib kien diġa' qed iseħħ!

Illi minn qari taċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-linja temporali mhijiex marbuta b'mod preċiż mas-7.00am iżda hija mibnija fuq il-kliem *"għal ħabta ta' 07.00hrs"*. Il-kliem *"għal ħabta ta'"* jindikaw ħin approssimattiv u jinkludu wkoll ħin viċin dak imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Għaldaqstant dik il-parti tal-aggravju in eżami li tirrigwarda l-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni qed tiġi miċħuda.

Illi fir-rigward ta' dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant jilmenta minn differenzi fil-verżjonijiet mogħtija mill-Pulizija fejn skont huwa wieħed jgħid li hu kellu s-senter f'idu mentri l-ieħor jagħti verżjoni li s-senter kien maġenb ix-xibka, din il-Qorti qrat bir-reqqa x-xiehda mogħtija mill-Pulizija u hija tal-fehma li PC 349 Daniel Caruana kien qed jgħid li l-appellant kien bis-senter u l-istess appellant kien viċin ix-xbieki. Għalhekk anke din il-parti tal-aggravju mhijiex ta' fejda għall-appellant.

Illi din il-Qorti qrat bir-reqqa x-xiehda mogħtija mill-appellant u ċioè li huwa kien mar jaħdem ir-raba' u ħa s-senter miegħu biex

jekk jara xi ħaġa jkun jista' jispara. Jirriżulta li l-appellant jgħid li kien qiegħed jagħżaq u li għalhekk din il-Qorti tifhem li huwa kien qed iħares lejn l-art mentri biex tispara fuq l-għasafar inti trid tħares lejn is-sema fejn jinsabu l-għasafar. Minbarra dan din il-Qorti ma tistax ma tindikax li ż-żewġ Pulizija li xehdu jikkonfermaw il-verżjoni tagħhom li l-appellant kien preċiż taħt ix-xbieki. Dan huwa fatt li jmeri u jgiddeb il-verżjoni mogħtija mill-appellant meta qal li kien xi disa' (9) metri bogħod mix-xbieki u li kien hemm xi siġar bejnu u bejn ix-xbieki. Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita minn dak li ngħad mill-Pulizija u tqies dak li qal huma bħala aktar verosimili minn dak li qal l-appellant allura imputat.

Illi rigward l-aqwa prova, din il-Qorti tinnota li l-appellant ma kellu għalfejn jipprova xejn. Kien l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kemm favur kif ukoll kontra l-appellant. Magħdud ma' dan, din il-Qorti ma taqbilx ma' l-argument tal-appellant li l-aqwa prova hija nieqsa. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li f'dan il-każ iċ-ċirkostanzi kienu tali li ma kienx hemm utilita' li jiġi identifikat is-sid tal-għalqa. L-appellant jammetti li huwa għandu l-jedd juża l-għalqa. Miżjud ma' dan, il-Pulizija sabu lill-appellant preżenti fil-post, taħt ix-xbieki, bis-senter f'idu u b'għasafar madwar ix-xbieki. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din hija l-aqwa prova. Infatti, kif jgħid tajjeb l-Avukat Ġenerali, il-provi ċirkostanzjali kollha jippuntaw lejn direzzjoni waħda. Rigward jekk il-provi laħqux il-livell ta' prova neċessarju għal kamp kriminali, din il-Qorti hija tal-fehma li huwa l-prerogattiva tal-Prosekuzzjoni li tiddeċiedi jekk ippruvatx il-każ tagħha u jekk hemmx ħtieġa li jitressqu aktar provi. Wara dan huwa d-dmir tal-Ġudikant li jevalwa tali provi u jara jekk il-livell ta' prova intlaħaqx. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numru 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu

li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:

> "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu sa dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami jsegwi li l-Ewwel Qorti setgħet

raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li l-aggravju jistħoqq li jiġi miċħud *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Huwa jgħid li l-piena ma għandhiex isservi bħala mod ta' tpattija fuq persuna li tkun akkużata. Ikompli li l-ġustifikazzjoni tal-piena għandha tkun ibbażata fuq tliet elementi: dak retributtiv, dak riformattiv u dak riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

Illi f'dan l-aggravju l-appellant jitlob li din il-Qorti tirrimanda l-atti proċesswali ta' dan il-każ lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) ħalli jiġi evalwat jekk Regolament 27(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta hux leżiv tad-drittijiet tiegħu taħt Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taħt Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jargumenta li l-piena imposta kemm fil-kwalita' tagħha u kif ukoll fil-kwantita' ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. Jisħaq li f'każ li din il-Qorti tkun tal-fehma li ma hemmx għalfejn issir riferenza kostituzzjonali, għandu jkun hemm temperament kemm fil-multa u kif ukoll fl-iskwalifika permanenti. Jargumenta li multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) hija waħda eċċessiva għall-aħħar u li skwalifika permanenti milli jottjeni liċenzja hija waħda esaġerata u li kien jimmerita li wieħed jinżel taħt il-minimu jekk dak kollu sottomess minnu jiġi skartat.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talba tal-appellant sabiex issir riferenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali). Dwar din it-talba, din il-Qorti tinnota li għalkemm l-appellant ma jindikax b'mod ċar liema huma r-raġunijiet li jwassluh jilmenta minn leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, mis-sentenzi li jikkwota din il-Qorti tasal għal konklużjoni li l-appellant qed jilmenta minn natura tal-piena li hija provduta fil-liġi. Dwar din it-talba din il-Qorti tagħmel

riferenza għas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Novembru 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Micky Cutajar** (Numru 15/2022), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Primarjament, din il-Qorti tgħid illi f'każijiet li jinkludu vertenzi ta' natura kostituzzjonali, il-poteri tagħha huma limitati bil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jistipula s-segwenti:
>
> > *'Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.'*
>
> **Din il-Qorti mhux imsejjħa sabiex tiddeċiedi fuq jekk hemmx ksur ta' drittijiet tal-akkużat hi stess u lanqas m'hi kompetenti sabiex tagħmel dan**. Għalhekk kull ma trid tagħmel din il-Qorti hu li tiddetermina jekk fil-fehma tagħha tali talba hix *frivola* jew vessatorja. Jekk din il-Qorti hi tal-fehma illi tali talba hija *prima facie frivola* jew *vessatorja*, allura għandha tiċħad it-talba tal-akkużat. Madankollu, jekk din il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba mressqa *prima facie* mhux *frivola* jew *vessatorja*, allura għandha taċċetta t-talba tal-akkużat u sussegwentament tordna referenza kostituzzjonali.

Is-sentenza fl-ismijiet **'Alan Mifsud et versus L-Avukat Ġenerali et'**, il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> *'"frivola" riferibbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti – barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal Qorti Ċivili – tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta' manifestament nieqsa mis-sens, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li "vessatorja" tfisser li l-kwistjoni ġiet sollevata mingħajr raġunijiet suffiċjenti u b-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti;'*

Illi jingħad li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti hija waħda li taqa' fil- parametri tal-liġi u anzi konsiderando li l-appellant instab hati ta' sitt akkużi u mhux waħda l-piena imposta ma hiex waħda esagerata. Dwar il-kwistjoni tal-iskwalifika tal-liċenzji għall-kaċċa mogħtija mill-Ewwel Qorti u konfermata minn din il-Qorti din hija wahda tassttiva. Pero' l-Artikolu 30(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tipprovdi li:-

> *"(2) Kull persuna li minħabba li tkun instabet ħatja taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, ikollha warrant, liċenza, permess jew awtorità miżmuma, jew tkun skwalifikata milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità, il-qorti tista', fuq talba ta' dik il-persuna, skont ma jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-kondotta tagħha, tal-imġieba tagħha wara li tkun instabet ħatja, tax-xorta tar-reat u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u wara li tisma' lill-Avukat Ġeneral jew lill-Pulizija fil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew lill-Avukat Ġenerali fil-każ ta' talba quddiem xi qorti oħra, jew tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifika minn dik id-data li jogħġobha tiffissa jew tiċħad it-talba:*

> *Iżda, meta talba taħt dan is-subartikolu tiġi miċħuda, ma tistax tiġi milqugħa talba oħra fuq l-istess ħaġa jekk issir fi żmien tliet xhur mid-data taċ-ċaħda."*

> Illi għalhekk l-appellant għandu via oħra x'jeżerċita qabel ma jitlob referenza Kostituzzjonali stante li l-kodiċi penali jipprovdi għal varjazzjoni f'tali ordni ta' skwalifika. Għalhekk it-talba tal-appellant għar-referenza Kostituzzjonali f'dan l-istadju hija kemm frivola kif ukoll vessatorja u għalhekk qegħda tiġi **miċħuda**."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u dana peress li japplika *mutatis mutandis* għat-talba li għandha quddiemha din il-Qorti sabiex issir riferenza kostituzzjonali kif hawn fuq imsemmi, bil-konsegwenza li tali talba qed tiġi miċħuda peress li jirriżulta li hija waħda frivola u vessatorja.

Illi dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat, din il-Qorti tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi minn qari ta' Regolament 27(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li joħorġu mil-liġi kemm il-konfiska tal-*corpus delicti* u kif ukoll ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti in kwistjoni u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Fir-rigward tal-multa ta' ħamest elef Euro (€5,000), din il-Qorti tinnota li għalkemm din mhijiex il-minimu msemmi mil-liġi xorta

hija l-bogħod mill-massimu u dana meta wieħed iqis ukoll li l-piena setgħet tinkludi żmien ta' priġunerija. Dwar dik il-parti tal-aggravju in eżami fejn l-appellant jgħid li dan il-każ huwa wieħed li jimmerita li wieħed jinżel taħt il-minimu, din il-Qorti tinnota li ma hemm l-ebda *"raġunijiet speċjali u straordinarji"* kif imsemmi f'Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li b'xi mod jistgħu jwasslu lil din il-Qorti sabiex tinżel taħt il-minimu.

Illi meħud in konsiderazzjoni dan kollu, l-appellant ma ressaq l-ebda raġuni valida jew legali li b'xi mod tista' twassal lil din il-Qorti milli tvarja l-piena mposta fuqu mill-Ewwel Qorti. Għaldaqstant, anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud *in toto*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Jomar Bonnici u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**